Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 243/ 2017

Il-Pulizja

Vs

Rita Grech

Illum 31 ta' Jannar, 2018,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanta Rita Grech detentrici tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 303182 M, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

bejn 1-1 t'April 2016 u 16 ta' Settembru 2016, fil-Gzejjer Maltin, b' diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat:

1) Naqset li taghti lil Brian Grech, is-somma, ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedha w / jew zewgha, fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-26 t' April, 2017, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18 u 338 (z) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il-Qorti sabet lill-imsemmija mputata hatja tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u ikkundannata ghal xahrejn prigunerija sospizi ghal sentejn taht supervizjoni ai tennini tal-Artikolu 280 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta w kif ukoll ordnat l-hlas ta' €1,800 fi zrnien 6 xhur ai termini tal-Artikolu 28 H tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret ti kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputata.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanta Rita Grech, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-9 ta' Mejju, 2017, fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tfrriforma s-sentenza appellata datata 26 ta' April 2017, mghotija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, b' dan illi tikkonferma fejn sabitha hatja ta' l-akkuza migjuba kontra taghha wara ammissjoni taghha stess u tvarjaha f' dik il-parti fejn ikkundannata sentenza ta' prigunerija ta' xahrejn sospizi ghal sentejn, taht supervizjoni kif ukoll li thallas is-somma ta' €1800 fi zmien sitt xhur ai termini ta' l-artiklu 28 H tal-Kodici Kriminali, u timponi piena aktar mita u idonea.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju huwa cari u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi l-appellanti qieghda tinterponi dan l-appell limitatament fuq il-piena.

Illi l-appellanti ammetiet ghall-akkuzi quddiem il-Qorti, izda hija spjegat is-sitwazzjoni pjetuza taghha lill-Qorti u ser üspjegaha hawnhekk ukoll.

Illi l-appellanti kienet tahdem bhala careworker izda fejn kienet tahdem waqfuha ghaliex giet redundant.

Illi sadanittant, is-sigurta' socjali inffurmawba li hija qabzet is-sieghat li wiehed suppost jahdem biex ikun jista' jiehu l-ghajnuna socjali, u ghalhekk, mhux talli qatghulha l-ghajnuna socjali, imma talli d-diparüment tas-sigurta' socjali qieghed jitlob b' lura ammont ta' flus.

Illi l-appellanti, bhali kieku dan mhux bizzejjed, tinsab tqila bir-raba' tarbija taghha u t-tqala taghha hija mimlija problemi peress li hemm cans kbir li titlef lil din it-tarbija. Fil-fatt, l-appellanti iktar qieghda tqatta' hin l-isptar minhabba din it-tarbija.

Illi l-appellanti lanqas ma tista' tistrapazza ruhha u kemm jista' jkun toqghod mistrieha. Ghalhekk, wiehed jithem ukoll li l-appellanti ma tistax tahdem u jkollha introjtu. L-uniku introjtu li ghandha l-appellanti huwa ftit ghajnuna zghira ta' mitejn u hamsin Ewro, li lanqas huwa bizzejjed biex thallas il-manteniment.

Illi l-appellanti kienet intavolat rikors biex tirriduci l-manteniment u kien ridott ghal tlett mitt Ewro fix-xahar ghaz-zewg ulied, permezz ta' digriet mghoti mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) izda, wara dan, hija ma ntavolat ebda rikors iehor, hlief da ricenti.

Illi pero' ta' dan, l-appellanti ma thossx li ghandha tkun ippenalizzata peress li hija m' ghandhiex il-mezzi li thallas il-Qorti. Fil-fatt l-avukat sottofirmat tipprova tghinha pro bono ghaliex tikkumpati lill-appellanti.

Illi ghalhekk l-appellanti thoss li fic-cirkostanzi, l-piena kienet wahda eccessiva, anke meta wiehed iqis li l-appellanti lanqas se tkun dahlet is-somma ta' elf u tmien mitt Ewro fi zmien sitt xhur, izda ser tkun dahlet biss is-somma ta' elf u hames mitt Ewro. B' dan l-ammont trid tghix minuri bintha ta' hames snin, tarbija li issa gejja fid-dinja u l-appellanti stess.

Illi għalhekk jidher li jekk hija ma tħallasx is-somma imsemmija fiż-żmien stpulat lilha fis-sentenza, din ser tispicca gewwa l-Facilita' Korretiva ta' Kordin, mingħajr ma wieħed jinsa li ser tħalli warajha minuri ta' ħames snin u tarbija gdida.

Illi apparti minn hekk, sentenza ta' prigunerija sospiza, hija xorta waħda sentenza ta' habs u wara li l-appellanti twelled u tkun trid taħdem, ser tkun iktar diffiċli għaliha li ssib xogħol b' kondotta mittiefsa, anke meta wieħed jikkonsidra li l-appellanti m' għandhiex skola.

Ikkunsidrat,

Illi jirrizulta mill-atti illi fis-seduta tas-26 ta' April 2017, l-appellanti irregistrat ammissjoni quddiem l-Ewwel Qorti għall-akkuza migjuba fil-konfront tagħha fejn giet ikkundanata l-piena ta' xahrejn prigunerija sospizi għal sentejn taħt supervizjoni u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta giet ordnata tħallas s-somma ta' €1800 fi żmien 6 xhur mid-data tas-sentenza.

Illi allura fid-dawl ta'l-accettazzjoni da parti tagħha tal-fatt illi hija naqqset milli tissomministra l-manteniment lil żewgha għal uliedha minuri mill-istess żwieg u dan kif pattwit fil-kuntratt ta' separazzjoni iffirmat bejniethom, l-appellanti tressaq l-impunjattiva limitatament għal dak li jirrigwarda l-piena komminata mill-Ewwel Qorti billi tisħaq illi din hija in kwantu eccessiva tenut kont tal-ammissjoni bikrija minnha irregistrata. Inoltre tikkontendi illi hija tinsab fl-impossibbilita li tħallas l-manteniment dovut billi spiccat mingħajr impjieg,  trid tmantni lilha innfisha u lil wild ieħor imwieled barra iz-żwieg, oltre illi illum qed tistenna tarbija oħra u għalhekk dan qed jagħmilha iktar diffiċli għaliha li issib impjieg. Issa d-dottrina hija kostanti *in subjecta materia* meta jingħad:

*"... jekk persuna ma tkunx tista' tħallas il-manteniment ordnat anke f'każ li persuna tisfa bla xogħol, dan ma jiskużahiex mill-obbligu tagħha li twettaq id-digriet tal-Qorti Civili, obbligu sancit bir-reat ta' natura kontavenzjonali illi taħtu hu akkuzat l-appellant. Ir-rimedju li għandu u li kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivament fi żmien utli lill-Qorti Civili kompetenti biex din wara li tieħu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-*

*ordni dwar il-manteniment. U biss wara li jottjeni tali modifika, li jkun jista' jhallas anqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dan isir, jibqa' marbut bl-obbligu tal-hlas skont l-ewwel digriet."* (Il-Pulizija versus Anthony Saliba deciza fil-15 ta' Lulju 1998; ara ukoll Pulizija versus Alfred Camilleri, 18 ta' Settembru 2002, u Il-Pulizija versus Lawrence Mifsud, 15 ta' Ottubru 2009).

Ghalhekk il-principju *nemo tenitur ad impossibilia* ma japplikax ghal dan il-kaz peress li l-appellanti dejjem kienet f'pozizzjoni illi tadixxi lill-Qorti Civili sabiex tottjeni varjazzjoni jew inkella *addirittura* kancellament tal-obbligu taghha versu l-parti civili u wliedhom, haga li tidher li baqghet ma ghamiltx ghalkemm tallega, kif inghad, illi hija ma ghandhiex mezzi biex tonora l-obbligi taghha ghal hlas tal-alimenti. Ghaldaqstant ma jidher illi hemm l-ebda mottiv legali jew fattwali li tista' twassal lil din il-Qorti sabiex tvarja il-piena inflitta mill-Ewwel Qorti li fuq kollox erogat piena alternattiva ghal dik tal-prigunerija fil-konfront ta'l-appellanti u oltre dan offrietilha l-assistenza tas-servizzi tal-Probation ghas-sitwazzjoni familjari u finanzjarja imwieghra li allegatament qed tiffaccja.

Illi gie deciz: *"L-iskop tal-legislatur, meta introduca din il-kontravenzjoni fil-Kodici Kriminali fl-1983, kien li ssir pressjoni fuq id-debituri rikalcitranti sabiex jonoraw l-obbligi taghhom u mhux biss biex timpunixxi l-ksur tal-ordnijiet, digrieti, jew sentenzi tal-Qorti, ordnijiet illi ghandhom dejjem jigu osservati skrupolozament, jew il-ksur ta' stipulazzjonijiet kontrattwali bejn il-konjugi."*[1] F'dan il-kaz dan l-ghan mhux qed jintlahaq u ghalhekk ma hemm l-ebda lok ghal temperament fil-piena .

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata ikkonfermata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur

[1] Il-Pulizija va Publius Said – 25/09/2003 App.Inf